ĦJ. 5.12.19

538/19

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

(Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

Wara l-protest ġudizzjarju numru 513/19 tad- 29 ta' Novembru 2019 fl-ismijiet:

Paul Caruana Galizia (8989M), Christian Peregin (526487M), Monique Agius (165590M), Miguela Xuereb (28998G), Julian Bonnici (0569992M), Yendrick Cioffi (250893M) u l-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin

Vs

Il-Prim Ministru Joseph Muscat u l-Avukat Ġenerali

Kontro-Protest tal-Prim Ministru u tal-Avukat Ġenerali.

Jesponu bir-rispett:

Illi huma jiċħdu bħala nfondati l-pretensjonijiet vantati kontra tagħhom fil-protest in risposta għas-segwenti motivi;

1. Illi ma hemm xejn fil-protest in risposta illi jimplika lill-Avukat Ġenerali f' xi fatti allegati fl-istess protest u għalhekk il-protest sar kontra tiegħu inutilment;

2. Illi l-fatt illi l-proċedura tal-Konferenza Stampa illi għaliha attendew volontarjament il-protestanti kienet tipprovdi għal ordni ta' ħruġ mis-sala fejn saret il-konferenza, billi fi tmiem il-Konferenza l-ewwel joħorgu l-Prim Ministru u l-Ministri li kienu qegħdin jakkompanjawħ u warajhom joħorġu l-persuni l-oħra li kienu preżenti għall-konferenza, bl-ebda mod ma jikkostitwixxi xi aġir illegali jew xi vjolazzjoni tad-drittijiet ghal-liberta tal-persuna jew tal-liberta tal-espressjoni protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewtropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

3. Huwa fil-fatt paċifiku illi min jorganizza avveniment li għalih min jattendi jattendi volontarjament għandu kull dritt li jistabbilixxi proċedura għal dak l-avveniment. L-avveniment pubbliċi dejjem isegwu protocol dwar kif isir il-ħruġ fi tmiem l-avvenment u dan ċertament illi ma jfissirx illi jekk ma jitħalliex li kulħadd joħrog mil-laqgħa f' daqqa u jikkaġuna rassa , b' riskju ukoll għas-sigurta, allura jkun qed jissussisti xi sekwestru tal-persuna jew xi ksur tal-dritt għall-inkolumita personali jew ta' xi dritt ieħor. Huwa ċar illi min

volontarjament mar għall-konferenza stampa fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru aċċetta ukoll volontarjament li joqogħod ghar-regoli proċedurali ta' dik il-konferenza inklużi d-deċiżjonijiet tal-addetti tas-siġurta dwar l-immaniġġar tal-folol.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt li jġibu l-premess għall-formali konjizzjoni tal-protestanti, jiddiffidawhom milli jippersistu fl-azzjonijiet tagħhom u jpoġġuhom f' *dolo, mora u culpa* għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

Dr Corinne G. Pace LL.D
Office of the Attorney General

Avukat

Prokuratur legali

Louise Falzon
Legal Procurator
Attorney General's Office

Mittenti: 1. Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta

2. Avukat Ġenerali, il-Palazz, Valletta

Intimati: Paul Caruana Galizia, 56, Triq Melita, Valletta

Illum 05 DEC 2019

Ippreżentata mill PL L. Falzon

bla dok/b ..../.... dokumenti

Rose Marie Vella
Deputat Reġistratur
Deputy Registrar
Qrati tal-Ġustizzja (Malta)
Law Courts (Malta)